



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.11.2022
C(2022) 9516 final

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 22.11.2022

dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' Malta

{SWD(2022) 950 final}

(It-testi bl-Ingliż u bil-Malti biss huma awtentiċi)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 22.11.2022

dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' Malta

(It-testi bl-Ingliż u bil-Malti biss huma awtentiċi)

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

1. Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 jistabilixxi dispożizzjonijiet għal monitoraġġ aħjar tal-politiki baġitarji fiż-Żona tal-Euro biex jiġi żgurat li l-baġits nazzjonali jkunu konsistenti mal-gwida għall-politika ekonomika maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u s-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.
2. L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 jirrikjedi li kull sena, sal-15 ta' Ottubru, l-Istati Membri jippreżentaw l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro li jippreżenta l-aspetti ewlenin tal-prospetti baġitarji tal-gvern estiż u tas-subsetturi tiegħu għas-sena li jkun imiss.
3. Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020¹. Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni indikat, fil-Komunikazzjoni dwar is-Semestru Ewropew², li ż-żieda fl-inċertezza u r-riskji negattivi qawwija fil-prospettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, iż-żidiet bla preċedent tal-prezzijiet tal-enerġija u t-tfixkil kontonwu fil-katina ta' provvisdta jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir matul l-2023 u qieset li l-kundizzjonijiet għad-deattivazzjoni tagħha mill-2024 kienu ssodisfatt. L-attivazzjoni kontinwa tal-klawżola liberatorja ġenerali fl-2023 se tipprovdi l-ispazju għall-politika fiskali nazzjonali biex tirreaġixxi fil-pront meta jkun meħtieġ, filwaqt li tiżgura tranżizzjoni bla xkiel mill-appoġġ wiesa' għall-ekonomija matul iż-żminijiet tal-pandemija lejn enfasi dejjem akbar fuq miżuri temporanji u mmirati u l-prudenza fiskali meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà għal terminu medju³.
4. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, b'mod partikolari biex tippromwovi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk issaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji u t-tkabbir potenzjali. Parti minn dan l-appoġġ huwa fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura ("għotjiet"), li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza qed tappoġġa rkupru ġust u inklużiv fl-

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, COM(2020) 123 final tal-20 ta' Marzu 2020.

² COM(2022) 600 final.

³ Fis-17 ta' Ġunju 2022 il-Kunsill qabel dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 u l-opinjoni dwar il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-2022, li jqisu l-kontinwazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għall-2023. (Ara: <https://www.consilium.europa.eu/en/meetings/ecofin/2022/06/17/>)

UE f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan jagħti spinta wkoll lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, u b'hekk isaħħaħ il-finanzi pubbliċi sostenibbli. Skont il-proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022⁴, il-Faċilità jenħtieġ li timmira wkoll li żżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni billi tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ("l-objettivi ta' REPowerEU").

5. Fit-12 ta' Lulju 2022 fir-rakkomandazzjonijiet li jagħtu l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà tal-2022⁵, il-Kunsill fakkar li l-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni ta' miżuri ta' emerġenza temporanji relatati mal-kriżi tal-COVID-19), bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, apparagun tat-tkabbir potenzjali għal terminu medju⁶. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha hix konsistenti mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, is-sigurtà u l-iżgurar ta' reżiljenza soċjali u ekonomika, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment⁷ (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.
6. Ix-xokkijiet ikkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja qed iħallu impatt fuq l-ekonomija tal-UE kemm direttament kif ukoll indirettament, u jpoġġuha fi triq ta' tkabbir aktar baxx u b'inflazzjoni oġhla. L-intensifikazzjoni u t-twessigħ tal-pressjonijiet inflazzjonarji wasslu għal normalizzazzjoni aktar mgħaġġla tal-politika monetarja fiż-Żona tal-Euro. L-infiq pubbliku fuq miżuri li fihom l-impatt soċjali u ekonomiku tal-ispejjeż għoljin tal-enerġija, fuq is-sigurtà u d-difiża u fuq l-assistenza umanitarja lill-persuni spostati mill-Ukrajna qiegħed ikun ta' piż fuq il-finanzi pubbliċi. In-natura speċifika tax-xokk makroekonomiku kkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, kif ukoll l-implikazzjonijiet fit-tul tagħha għall-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, jitolbu tfassil bir-reqqa tal-politika fiskali fl-2023. Impuls fiskali wiesgħa għall-ekonomija fl-2023 ma jidherx ġustifikat. Minflok, jenħtieġ li l-enfasi tkun fuq il-protezzjoni ta' dawk vulnerabbli, b'mod li l-istabbilizzaturi awtomatiċi jitħallew joperaw u jiġu pprovduti miżuri temporanji u mmirati biex jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-enerġija u biex tingħata assistenza umanitarja lin-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, filwaqt li tinżamm l-aġilità li jaġġustaw, jekk ikun meħtieġ. Jenħtieġ li l-politika fiskali tikkombina investment oġhla mal-kontroll tat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment. L-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija kruċjali biex jinkisbu livelli oġhla ta' investment. Jenħtieġ li l-politiki fiskali jkollhom l-għan li jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn kif ukoll li jżidu l-potenzjal

⁴ COM(2022) 231 final.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 ta' Malta, ĠU C 334, 1.9.2022, p 128.

⁶ L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din l-Opinjoni huma l-istimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni tat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv sħiħ tar-riformi li huma parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

⁷ Mhux iffinanzjati minn għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

tat-tkabbir b'mod sostenibbli, u b'hekk jiffaċilitaw ukoll il-kompitu tal-politika monetarja li tiżgura r-ritorn f'waqtu tal-inflazzjoni għall-mira tal-BĊE ta' 2 % fuq terminu medju ta' żmien. Il-pjanijiet fiskali għall-2023 jenħtieġ li jkunu ankrati minn perkorsi ta' aġġustament prudenti fuq terminu medju li jirriflettu l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali assoċjati ma' livelli għoljin ta' dejn għall-PDG li komplew jiżdedu minħabba l-pandemija kif ukoll riformi u sfidi ta' investiment assoċjati mat-tranżizzjoni doppja, is-sigurtà tal-enerġija u r-reżiljenza soċjali u ekonomika.

7. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna rriżultat f'żidiet addizzjonali sostanzjali fil-prezzijiet tal-enerġija u f'żieda fil-volatilità tagħhom. Ix-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija importata jimplika termini sostanzjali ta' telf kummerċjali fl-ekonomiji tal-Istati Membri. B'mod parallel, it-temperaturi eċċezzjonalment għoljin fis-sajf tal-2022 żiedu d-domanda għall-elettriku, filwaqt li fl-istess ħin, il-produzzjoni tal-enerġija minn ċerti teknoloġiji kienet ferm taħt il-livelli storiċi minħabba ċirkostanzi tekniċi u li jiddependu fuq it-temp. L-Istati Membri kollha ġew affettwati b'mod negattiv mill-kriżi attwali tal-enerġija, għalkemm b'mod differenti, u dan jitolb rispons rapidu u kkoordinat.
8. Minħabba li r-riżorsi baġitarji huma limitati u jeħtieġ li jintużaw bl-aktar mod effiċjenti, sabiex jiġi ġestit aġġustament dejjiemi u ekwu fis-soċjetà kollha, il-kwalità u t-tfassil tar-rispons politiku huma ferm importanti. Għaldaqstant, ukoll f'konformità wkoll mar-Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, adottat fis-6 ta' Ottubru 2022, il-miżuri jenħtieġ li jiffukaw fuq l-għoti ta' appoġġ temporanju, ikunu mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, filwaqt li jinżammu l-inċentivi t-tajbin biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁸. Il-politiki jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tiġi żviluppata l-awtonomija tal-enerġija tal-Unjoni.

KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR MALTA

9. Malta ppreżentat l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tagħha għall-2023 fis-17 ta' Ottubru 2022. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni adottat l-opinjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013.
10. Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li Malta⁹ tieħu azzjoni biex tara li fl-2023 it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni politika newtrali b'mod kumplessiv¹⁰, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Jenħtieġ li Malta tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali f'sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Saret ukoll rakkomandazzjoni biex Malta tespandi l-investiment pubbliku għat-

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 ta' Malta, ĠU C 334, 1.9.2022, p 128.

¹⁰ Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (fuq medja ta' 10 snin) ta' Malta, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 8,6 %. L-istimi tal-Kummissjoni tat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv sħiħ tar-riformi li huma parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li titqies l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi jsir użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, jeħtieġ li Malta ssegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu ta' żmien medju.

11. Fit-23 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE¹¹. Dan ir-rapport jevalwa l-qagħda baġitarja ta' Malta, billi fl-2021 id-defiċit tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat minn Malta.

12. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni, l-ekonomija Maltija mistennija tikber b'5,7 % fl-2022 u bi 2,8 % fl-2023, filwaqt li l-inflazzjoni hija mbassra li tkun fil-livell ta' 6,1 % fl-2022 u 4,0 % fl-2023.

Skont l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju, l-ekonomija ta' Malta mistennija li tikber b'6,0 % fl-2022 u bi 3,5 % fl-2023, bl-inflazzjoni pproġettata għal 5,7 % fl-2022 u 3,7 % fl-2023. Skont l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, fl-2022 it-tkabbir se jkun primarjament xprunat mill-konsum privat u pubbliku, bl-esportazzjoni netta tikkontribwixxi b'mod pożittiv, filwaqt li fl-2023 it-tkabbir huwa mistenni li jkun xprunat mill-konsum privat u l-investment. Fl-2022, il-Kummissjoni tippoġetta kontribuzzjoni pożittiva akbar tal-esportazzjonijiet netti u kontribuzzjoni iżgħar tal-konsum pubbliku. Fl-2023, il-Kummissjoni tistma kontribuzzjoni iżgħar ta' investment u konsum privat għat-tkabbir. Id-differenzi bejn ix-xenarji tal-inflazzjoni jirriżultaw l-aktar mid-differenzi fl-aspettattivi dwar il-prezzijiet ta' prodotti u servizzi importati, li huma oġġetti fit-tbassir tal-Kummissjoni għall-2022 u l-2023.

Kumplessivament, il-preżunzjonijiet makroekonomiċi sottostanti għall-Abbozz tal-Pjan Baġitarju huma plawżibbli fl-2022 u favorevoli fl-2023.

Malta hija konformi mar-rekwiżit tar-Regolament UE Nru 473/2013 billi l-abbozz tal-baġit huwa bbażat fuq tbassir makroekonomiku prodott indipendentement.

13. L-Abbozz tal-Pjan Baġitarju jassumi li n-nefqa li tammonta għal 0,3 % tal-PDG fl-2022, 0,5 % fl-2023, 0,5 % fl-2024 se tiġi ffinanzjata minn appoġġ finanzjarju (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-infiq iffinanzjat mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jippermetti investment ta' kwalità għolja u riformi li jtejbju l-produttività mingħajr impatt dirett fuq id-defiċit u d-dejn tal-gvern estiż. It-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni jinkludi ammont simili ta' nfiq iffinanzjat mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

14. Fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż ta' Malta huwa ppjanat li jonqos minn 5,8 % tal-PDG fl-2022 għal 5,5 % tal-PDG fl-2023, prinċipalment minħabba tnaqqis fil-proporzjon tan-nefqa mal-PDG, xprunat minn kumpens aktar baxx tal-impjegati u mill-konsum intermedju, minkejja żieda fis-sussidji u fin-nefġiet fuq l-imgħax. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż huwa ppjanat li jiżdied minn 57,0 % tal-PDG fl-2022 għal 59,1 % tal-PDG fl-2023, imbuttat mid-defiċit primarju għoli. Dawn il-proġettazzjonijiet huma konformi mat-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni.

¹¹ Rapport tal-Kummissjoni ppreparat f'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, COM(2022) 630 final tat-23 ta' Mejju 2022.

Il-prospettiva tal-finanzi pubbliċi għadha soġġetta għal inċertezza kbira fil-proġettazzjonijiet makroekonomiċi, inklużi r-riskji makroekonomiċi relatati mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, ma' żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u ma' tħarbit kontinwu fil-katina tal-provvista.

15. L-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jinkludi għall-2022 miżuri għal trasferimenti soċjali miżjuda lill-pensjonanti, li jammontaw għal 0,2 % tal-PDG. Għall-2023, l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jinkludi miżuri ta' appoġġ soċjali u assistenza soċjali għall-familji biex jixtru proprjetà b'impatt ġenerali li jżid id-defiċit ta' 0,4 % tal-PDG. Ma hemm l-ebda differenza rilevanti bejn l-istimi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-miżuri diskrezzjonarji u dawk tal-Pjan.

Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati li jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żidiet eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-enerġija, li ggravaw matul is-sajf¹². L-ispiża baġitarja ta' dawn il-miżuri hija pproġettata fit-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni li tammonta għal 2,9 % tal-PDG fl-2022 u għal 3,5% tal-PDG fl-2023. Dawn jikkonsistu f'miżuri li jnaqqsu d-dħul tal-gvern, jiġifieri tnaqqis fit-tassazzjoni tas-sisa fuq il-fjuwils, u żieda fin-nefqa, bħal sussidji biex jikkumpensaw għal spejjeż oġġla tal-input tal-enerġija u trasferimenti ta' flus lill-impjegati u lill-pensjonanti¹³. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli¹⁴, u ma jippreservawx is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika¹⁵. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, li jista' jittqies fil-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjoni fiskali speċifika għall-pajjiż għall-2023, huwa stmat fit-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni għal 0,1 % tal-PDG fl-2022 u għal 0,0 % tal-PDG fl-2023.

Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma pproġettati li jkunu 0,1 % tal-PDG kemm fl-2022 kif ukoll fl-2023.

16. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-Pajjiż għall-2023, il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss hija mistennija li tammonta għal 3,9 % tal-PDG fl-2022 u fl-2023, bla tibdil bħala paragun mal-2021. Dan jinkludi investiment għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-bini pubbliki u kummerċjali, l-appoġġ għal trasport u sorsi tal-enerġija aktar nodfa, it-titjib tad-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi u tas-servizzi pubbliċi, inkluż fis-setturi tas-saħħa u tal-ġudikatura, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE.

¹² L-iżviluppi tad-defiċit fl-2023 huma affettwati wkoll mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri temporanji ta' emerġenza tal-COVID-19, li fl-2022 huma stmati għal 1,8 % tal-PDG.

¹³ Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa 2021 'l hawn, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹⁴ Il-miżuri mmirati jammontaw għal 0,1 % tal-PDG fl-2022 u għal 0,0 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-miżuri mhux immirati jammontaw għal 2,8 % tal-PDG fl-2022 u għal 3,5 % tal-PDG fl-2023.

¹⁵ Il-miżuri ta' dħul jammontaw għal 0,4 % tal-PDG fl-2022 u għal 0,1 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-miżuri dwar il-prezzijiet jammontaw għal 2,5 % tal-PDG fl-2022 u għal 3,4 % tal-PDG fl-2023.

17. Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+ 1,2 % tal-PDG¹⁶). Dan isegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (- 1,3 % tal-PDG).

Huwa pproġettat li t-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq bażi nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 jipprovdi kontribut restrittiv ta' 1,1 punti perċentwali.¹⁷ Dan jinkludi l-impatt miżjud mill-miżuri ta' appoġġ adottati biex jiġi miġġieled l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żidiet eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-enerġija b'0,6 % tal-PDG¹⁸, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ temporanju u mmirat lejn l-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija jammontaw għal impatt ridott ta' 0,1 % tal-PDG.

Huwa pproġettat li l-kontribut pożittiv lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE tiżdied b'0,2 punt perċentwali tal-PDG fl-2023, imqabbel mal-2022. L-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0,3 punt perċentwali fl-2023¹⁹.

18. L-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jinkludi proġettazzjonijiet baġitarji fuq terminu medju sal-2025. Id-defiċit tal-gvern huwa pproġettat li jonqos gradwalment għal 4,2 % tal-PDG fl-2024 u 2,8 % fl-2025. Dawn il-pjanijiet jassumu aġġustament strutturali annwali ta' madwar 1,3 % tal-PDG bħala medja matul l-2024 u l-2025, spjegat ukoll bit-tneħħija gradwali ppjanata tal-miżuri relatati mal-enerġija u t-tnaqqis tal-konsum intermedju. Min-naħa tiegħu, id-dejn tal-gvern huwa previst li jilħaq il-livell massimu ta' 60,3 % tal-PDG fl-2024 u li ġeneralment jistabilizza fl-2025.

19. Fl-2023, fuq il-baży tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju, il-pożizzjoni ġenerali tal-politika fiskali hija stmata li hija li tkun restrittiva. Dan jinkludi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ġenerali min-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali. B'mod ġenerali, minħabba s-sitwazzjoni li qed tevolvi, b'mod partikolari l-pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 u l-pressjonijiet inflazzjonarji għoljin, it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Malta qed tippjana li tiffinanzja investiment addizzjonali permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, filwaqt li ma tippreservax l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investiment pubbliku għat-tranżazzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà enerġetika.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għal Malta huwa konformi mal-gwida fiskali li tinsab fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022.

Filwaqt li Malta użat b'mod rapidu miżuri tal-enerġija bħala parti mir-rispons tal-politika ta' emerġenza għaż-żidiet eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-enerġija, estensjoni ta' miżuri ta' appoġġ eżistenti u/jew promulgazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ ġodda b'reazzjoni għal prezzijiet għoljin tal-enerġija tikkontribwixxi għal tkabbir oġhla fin-

¹⁶ Sinjal negattiv (pożittiv) tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess (nuqqas) fit-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku għal terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja (restrittiva). Il-pożizzjoni fiskali tinkludi l-impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni.

¹⁷ Dan isegwi kontribuzzjoni espansjonarja minn dan il-komponent ta' 1,4 punti perċentwali fl-2022.

¹⁸ L-impatt baġitarju tal-miżuri mmirati dwar il-prezzijiet u d-dħul huwa pproġettat li jibqa' l-istess u li jonqos b'0,1 % tal-PDG rispettivament, filwaqt li l-impatt baġitarju tal-miżuri mhux immirati dwar prezzijiet u dħul fil-mira u tal-miżuri ta' dħul huwa pproġettat li jiżdied b'0,9 % u li jonqos b'0,2 % tal-PDG rispettivament.

¹⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li ttiprovdi kontribuzzjoni newtrali.

nefqa kurrenti netta ffinanzjata nazzjonalment u għal żieda fid-defiċit u d-dejn tal-gvern ipproġettati fl-2023. Għalhekk, huwa importanti li l-Istati Membri jiffukaw aħjar tali miżuri fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli u d-ditti esposti, biex jippreservaw l-inċentivi biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija, u biex jiġu rtirati hekk kif jonqsu l-perssonijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija.

Deskrizzjoni komprensiva tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż se ssir fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2023 u ssir valutazzjoni fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jridu jiġu proposti mill-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2023.

Magħmul fi Brussell, 22.11.2022

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPRez
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kullegġjalitá
KUMMISSJONI EWROPEA